MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 5/2004

**Renato J Costigan**

**vs**

**Malta Drydocks Corporation, Industrial Projects & Services Ltd u Malta Shipyards Ltd**
**B' digriet ta' l-ewwel (1) ta' Marzu 2004 it-Tribunal ordna li Saviour Gauci, ufficcjal pubbliku fil-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomici, f' isem il-Gvern ghandu jassumi l-atti ta' dan il-kaz minflok il-Malta Drydocks Corporation**

**Il-Qorti,**

Ir-rikorrenti Saviour Gauci *nomine* appella mis-segwenti pronunzjament tat-Tribunal Industrijali dettat minnu f' forma ta' verbal fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2004:

"It-Tribunal wara li sema' l-eccezzjoni ta' Dr. Borg Cardona ghan-nom ta' Saviour Gauci nomine u r-risposta ta' Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghan-nom ta' Renato Costigan, it-Tribunal ihoss illi minn ezami bir-reqqa ta' dokumenti gie notat illi Mr Costigan intavola r-rikors mill-Avukat tieghu Dr Karmenu Mifsud Bonnici fl-20 ta' Novembru 2003 u gie ricevut mit-Tribunal Industrijali fil-21 ta' Novembru 2003. It-Tribunal ukoll jara illi l-Att 15 tas-sena 2003 ghaddiet mill-Parlament fil-25 ta' Novembru 2003 pero` din giet fis-sehh fis-7 ta' Novembru 2003. Dan ifisser illi meta Dr Karmenu Mifsud Bonnici ghan-nom ta' Mr Costigan intavola r-rikors in kwistjoni ma kienx jaf illi din il-ligi dahlet in sehh u fil-fatt dahlet in sehh xi erbat ijiem wara li ntavola r-rikors f' data retroattiva. It-Tribunal ihoss anke a bazi kemm ta' l-ekwita` kif ukoll abbazi wkoll li ma kienx jaf li setghet tghaddi din il-ligi illi f' dan l-eccezzjoni ghandha tigi michud u tordna li l-kawza titkompla kontra l-Malta Drydocks Corporation u z-zewg kumpaniji l-ohrajn."

L-imsemmi appellant jissottometti illi t-Tribunal ghamel interpretazzjoni zbaljata tal-ligi. Dan ghaliex, dejjem skond l-appellanti, il-provvedimenti tal-Kapitolu 451 (*recte*, Kapitolu 452) huma eskluzi mid-dispost ta' l-Artikolu 4 (1) ta' l-Att XV ta' l-2003. Huwa jsostni illi l-appellat ma jistax jivvanta dritt kwezit li gie newtralizzat bir-retroattivita` ta' l-Att imsemmi stante li d-drittijiet tieghu gew salvagwardati bis-semplici trasferiment tieghu u ta' l-impjegati l-ohra tat-Tarznari kif provvdut b' dak l-Att;

Il-fatti ewlenin li taw lok ghal dan l-appell huma dawn:-

1. L-appellat intavola rikors fl-<u>20 ta' Novembru 2003</u> quddiem it-Tribunal Industrijali bl-ilment illi hu gie assoggettat ghal trattament diskriminatorju bil-fatt ta' l-avviz ta' trasferiment, u li dan kien jikkostitwixxi ksur ta' l-Artikolu 26 ta' l-Att XXII ta' l-2002 (Kapitolu 452);

2. Fil-<u>25 ta' Novembru 2003</u> gie promulgat l-Att XV ta' l-2003 dwar ir-Ristrutturar tat-Tarznari, li, kif jinghad

fl-Artikolu 1 (2) tieghu, “ghandu jitqies li beda fis-sehh fis-7 ta’ Novembru 2003”;

3. Kif gja nghad, l-appellanti *nomine* ssolleva l-punt illi l-materja kellha tigi rigwardata mill-perspettiva ta’ dan l-ahhar Att imsemmi li, *ex lege*, [Artikolu 4 (1)] eskluda “kull ligi ohra” ghal dak li jikkuncerna t-trasferiment maghmul ta’ l-appellat;

Issa, apparti l-osservazzjoni kemm it-Tribunal adit kien ritwalment korrett li jipprovvdi fuq il-materja permezz ta’ semplici digriet verbalizzat u mhux permezz ta’ sentenza, mill-fatti premessi jitnisslu dawn il-konsiderazzjonijiet:

(i) Fil-mument meta giet introdotta l-procedura mill-appellat, l-Att XV ta’ l-2003 ma kienx ghadu gie promulgat;

(ii) Il-Korporazzjoni tat-Tarzna, li taghha l-appellat kien impjegat, kienet certament fl-istadju li fih giet promossa l-azzjoni l-legittimu kontradittur di fronte ghall-appellat;

(iii) Il-punt krucjali ghab-bazi ta’ dik l-istess azzjoni, ossija d-diskriminazzjoni lamentata, kienet regolata skond il-provvedimenti ta’ l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452);

(iv) Il-fatt li minnu originat dik l-istess allegata diskriminazzjoni kien diga` kompjut qabel il-promulgazzjoni tal-ligi. Ara ittra tas-17 ta’ Novembru 2003 annessa mar-rikors li ntroduca l-kaz quddiem it-Tribunal adit;

Dan stabbilit, l-appellanti *nomine* jikkollega l-aggravju tieghu mal-fatt illi l-Att XV ta’ l-2003 jipprovdi illi dan l-istes Att kellu jitqies li ddahhal in vigore fis-7 ta’ Novembru 2003, u allura qabel l-introduzzjoni tal-kaz quddiem it-Tribunal. Konsegwentement, huwa jikkontendi illi, gjaladarba n-normi ta’ dak l-Att kienu, bil-volonta` tal-

legislatur, japplikaw retroattivament, allura l-procedura istitwita mill-appellat kienet kolpita b' dak l-Att u dan kien jesorbita il-kaz mill-isfera tal-provvedimenti tal-Kapitolu 452;

Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq din il-proposizzjoni izda ma ssibx li tista' tikkondividiha. Fir-rigward taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Ghalkemm huwa veru illi l-Kapitolu 466 jipprovdi li l-Att jitqies li dahal fis-sehh b' effett retroattiv, u cjoe fis-7 ta' Novembru 2003, jinsab ukoll provvdut illi l-proceduri mibdija kontra l-Korporazzjoni kellhom jitkomplew kontra l-ufficcjal pubbliku nominat f' isem il-Gvern. Hekk fil-fatt sehh bil-korrezzjoni awtorizzata bid-digriet ta' l-1 ta' Marzu 2004;

(2) Indubitament, in tema ta' dritt ir-retroattivita` ghandha karetteristika eccezzjonali. Dan ghaliex, di regola, il-ligi ma tiddisponix hlief ghall-futur. Anke fejn applikabbli pero`, huwa biss in-normi ta' natura processwali, u mhux ukoll dawk ta' indoli sostanzjali, li jistghu jsibu applikazzjoni immedjata fil-gudizzju in korso. Sostanzjalment, il-materja tibqa' dixxiplinata mil-ligi vigenti fil-mument li jkun introdott l-att relattiv inizzjali;

(3) Id-delimitazzjoni tan-normi l-godda introdotti giet bosta drabi operata billi wiehed jirrikorri ghal dak maghruf bhala d-dritt kwezit li jfisser li n-normi l-godda jridu jirrispettaw dawk id-drittijiet li jkunu twieldu minn fatt akkwizittiv u validu taht il-ligijiet ezistenti u li jkunu allura gja jifformaw parti mill-patrimonju ta' l-individwu;

(4) Dan kollu jinsab ahjar spjegat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Michele Muscat -vs- L-Onor. Roberto Briffa Collettore delle Dogane**", Qorti Civili, Prim' Awla, 12 ta' April 1919 (**Kollez. Vol. XXIV P II p 16**). A propozitu fiha ntqal dan:-

"*Che è principio, che la legge esercita il suo impero colla promulgazione, che si confonde nel concetto*

*giuridico colla sua pubblicazione o dal giorno in cui se ne fosse dato avviso, ed è inerente alle indole ed alla natura della legge che la stessa non disponga che per l' avvenire senza estendere il suo impero ai fatti gia compiuti e consumati.*

*" 'Leges et constitutiones certum est futuris dare formem negotiis et non ad facta praeterita revocari' (Leg. 7 Cod. de Legibus). La legge di regola, quindi, non ha effetto retroattivo ed è di diritto volgare il broccardo che 'lex non habet oculos retro'.*

*"Che quantunqe sia in facolta del legislatore espressamente dichiara, che la legge debba comprendere nel suo impero anche gli atti, che non fossero ancora compiuti, tuttavia i diritti quesiti sono sempre di giustizia dalla legge rispettati. 'Nisi nominatim' scriveva l' antichita`, 'et de praeterito tempore et ad hoc pendentibus negotiis cautum sit' (Cod. de legibus)*";

(5) Issokta jigi puntwalizzat illi minn dan li ntqal jitnissel li "sew jekk id-dritt kwezit ikun kompjut, sew jekk ikun l-origini ta' fatt li jkun gara taht il-ligi precedenti, u d-dritt skond dik il-ligi jkun perfett u kompjut, u fl-istess hin ikun dahal fil-partimonju ta' min jirreklamah, u l-okkazjoni ta' l-ezercizzju tieghu tipprezenta ruhha taht il-ligi l-gidida, fl-ewwel ipotesi ghaliex ir-retroattivita` hija mpossibbli u assurda, u fit-tieni ipotesi l-ghaliex l-istess dritt ikun perfett taht il-ligi antika qabel ma nholqot l-okkazjoni ta' l-ezercizzju tieghu taht il-ligi gdida, l-istess ghandu jigi rispettat, u l-ligi gdida; ma ghandhiex, skond il-principji elementari tal-gustizzja u ekwita`, ikollha setgha fuqu" - "**Chev. Antonio Cassar Torreggiani *nomine* -vs- Nutar Dr. Vincenzo Gatt *nomine***", Appell Civili, 12 ta' Mejju 1950 (**Kollez. Vol. XXXIV P I p 148**);

Din il-Qorti iddilungat fuq it-tematika tar-retroattivita` mhux ghaliex kellha strettament ghalfejn izda biex turi u tillustra ahjar il-punt illi l-Att XV ta' l-2003 (Kapitolu 466), apparti l-konsiderazzjoni ta' indoli procedurali rigwardanti l-legittimu kontradditur, ma kellux jigi interpretat b' mod tali li kien jipparalizza d-dritt ta' l-appellat li jikkontesta fis-sustanza u, fil-parametri ta' l-Att XXII ta' l-2002 (Kapitolu 452), it-

trasferiment li sarlu u dwar liema huwa introduca l-att relattiv opportun qabel il-promulgazzjoni ta’ l-Kapitolu 466 imsemmi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell opportun u b’ hekk tikkonferma l-provvediment tat-Tribunal Industrijali. L-ispejjez ta’ din il-procedura jitbatew mill-appellanti *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------